



It-test tal-mudell ta' riżoluzzjoni ta' hawn taħt jista' jiġi adattat mill-muniċipalitajiet, il-bliet jew ir-reġjuni interessati skont l-ispeċifitàjiet tal-kuntest lokali jew reġjonali tagħhom.

Mudell ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Muniċipalità/Belt/Reġjun

LI TIDDIKJARA _____ (isem il-belt/reġjun) **“Post Sikur għan-Nisa”**

Il-Kunsill Muniċipali/Reġjonali (ħassar fejn ma japplikax) ta' _____ (isem il-belt/reġjun),

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),
- wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tat-8 ta' Marzu 2022 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 dwar *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025*
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2020 dwar strateġija tal-UE biex tintemm il-mutilazzjoni ġenitali femminili fid-dinja kollha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Nru 190 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol,
- wara li kkunsidra l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti numru 5 ta' “Ugwaljanza bejn il-Ġeneri”,

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-kunsill tar-reġjun ta' Valencia dwar id-dikjarazzjoni tar-reġjun bħala "Post Sikur għan-Nisa".
- A. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huwa valur ewlieni tal-UE, u dritt fundamentali minqux fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
 - B. billi l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-UE hija responsabbiltà kondiviża, li tirrikjedi sforzi u azzjoni konġunti f'kull livell ta' gvern, u speċjalment mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għandhom rwol ewlieni x'jaqdu f'dan ir-rigward, billi huma l-eqreb tan-nies fil-livell lokali;
 - C. billi l-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li tinkludi l-vjolenza maskili kontra n-nisa u l-bniet, hija prekundizzjoni biex tintlaħaq ugwaljanza reali bejn il-ġeneri;
 - D. billi 31 % tan-nisa fl-Ewropa esperjenzaw vjolenza fiżika, 5 % ġew stuprati fil-pajjiżi tal-UE, kull ġimgħa madwar 50 mara jitilfu haġġithom minħabba vjolenza abbażi tal-ġeneru, u 43 % tan-nisa esperjenzaw xi forma ta' vjolenza psikoloġika minn sieħeb intimu, u huwa stmat li l-vjolenza għadha mhijiex irrapportata biżżejjed;
 - E. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, u n-nuqqas ta' aċċess għal protezzjoni adegwata jipperikolaw għadd ta' drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-ħajja, id-dritt għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-integrità fiżika u mentali, il-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew pieni inumani jew degradanti, il-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol furzat, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;
 - F. billi l-qtil marbut mal-ġeneru tan-nisa u l-bniet (femminiċidji) għandu jkun kategorija separata ta' reati minħabba li t-terminu ta' omiċidju newtrali għall-ġeneru jinjora r-realtajiet tal-inugwaljanza, l-oppressjoni u l-vjolenza sistematika kontra n-nisa;
 - G. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għandha tiġi identifikata bħala qasam ta' kriminalità fl-UE skont it-Trattati;
 - H. billi l-prattiki taż-żwieġ prekoċi u furzat u tal-mutilazzjoni ġenitali femminili, trażmessi permezz tat-tradizzjonijiet u l-kultura, jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tal-libertà, tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika;
 - I. billi l-eliminazzjoni tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru u t-twaqqif ta' Prattiki ripressivi tal-ġeneru permezz ta' kurrikuli edukattivi progressivi – biċ-ċikli tal-edukazzjoni preprimarja, primarja u sekondarja jkollhom rwol ewlieni – huma deċiżivi għat-tiħiħ tal-pożizzjoni tal-bniet b'mod sħiħ;
 - J. billi d-disponibbiltà ta' edukazzjoni komprensiva dwar ir-relazzjonijiet u s-sesswalità, inklużi programmi edukattivi speċjalizzati għas-subien, hija parti integrali minn tali kurrikuli progressivi u għandha rwol fundamentali fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-misoġenija u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru;
 - K. billi t-tolleranza żero mill-awtoritajiet pubbliċi għall-wiri ta' immaġnijiet li jiddiskriminaw jew joġġettivaw in-nisa fir-reklamar f'postijiet pubbliċi hija essenzjali biex jiġu eliminati l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jwasslu għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
 - L. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-politiki kollha jkunu effettivi għan-nisa, u għalhekk, tali politiki

għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt rigorużi fuq il-ġeneru, inkluż fi żminijiet ta' kriżi;

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill Muniċipali/tal-Belt/Reġjonali (ħassar kif meħtieġ) ta' _____ (isem il-belt/reġjun) qed jieħu impenn li:

1. jiddikjara lil _____ (isem il-belt/reġjun) bħala Post Sikur għan-Nisa u jimpenja ruħu favur politiki pubbliċi li jiżguraw is-sikurezza tan-nisa minn naħa waħda, u jikkastigaw b'mod espliċitu kwalunkwe forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru min-naħa l-oħra, filwaqt li jiżgura l-involvement sħiħ u ekwu tan-nisa matul il-proċess kollu;
2. jiżgura aċċess dirett u mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati, siguri u komprensivi għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi l-vjolenza domestika u l-vjolenza sesswali;
3. jiżgura r-reazzjoni fil-pront tas-servizzi kompetenti għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni mhux diskriminatorji ta' inċidenti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u li jipprevedi miżuri għall-protezzjoni effettiva u immedjata tal-vittmi u tat-tfal tagħhom;
4. jipprovdi taħriġ dwar is-sensittività għall-ġeneru għall-pulizija, għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-persunal ta' ċentri ta' akkoljenza speċjalizzati, inklużi xelters, għall-vittmi nisa ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u li tingħata prijorità ewlenija għal tali taħriġ għall-persuni tal-ewwel rispons;
5. jiġbor data amministrattiva dwar il-vjolenza minn sieħeb intimu u l-qtil relatat mal-ġeneru tan-nisa u tal-bniet (femminiċidji), sabiex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tagħhom u għall-ġlieda kontribom;
6. japplika politika ta' tolleranza żero għar-reklamar sessista, inkluż fi spazji pubbliċi u fuq it-trasport pubbliku, peress li dan jippromovi sterjotipi dannużi marbuta mal-ġeneru;
7. jikkunsidra b'mod sistematiku s-sikurezza u l-ħtiġijiet tan-nisa meta jiddeċiedi dwar miżuri baġitarji relatati mas-servizzi pubbliċi bħad-dawl fl-ispazji pubbliċi, it-trasport pubbliku jew ir-riżorsi fis-servizzi soċjali li jittrattaw il-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
8. jorganizza programmi edukattivi/taħriġ/preżentazzjonijiet fl-iskejjel u fl-universitajiet biex jakkumpanjaw il-kurrikuli dwar ir-relazzjonijiet u s-sesswalità, u biex jissensibilizzaw minn età bikrija dwar l-impatt tal-fastidju u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
9. jibqa' viġilanti u japplika sanzjonijiet immedjati għal każijiet ta' traffikar tal-bnedmin u għal Prattiki dannużi għan-nisa u l-bniet (mutilazzjoni ġenitali femminili, żwiġijiet prekoċi u furzati, sterilizzazzjoni furzata);
10. jibqa' viġilanti u japplika tolleranza żero għal kwalunkwe forma ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;
11. jissensibilizza lill-pubbliku dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni, immirati wkoll biex jinfurmaw lill-vittmi dwar fejn u kif jaċċessaw is-servizzi ta' appoġġ, u li tali attivitajiet jilhqnu l-qofol tagħhom fil-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza Kontra n-Nisa (25 ta' Novembru);
12. imexxi bl-eżempju fl-organizzazzjoni u l-ħidma tal-awtorità lokali/reġjonali XXX.